MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**ONOR. IMHALLEF**
**PHILIP SCIBERRAS**

Seduta tal-11 ta' Dicembru, 2009

Appell Civili Numru. 145/2008/1

**Avukat Joseph Mifsud**

**vs**

**Joe Demartino**

**Il-Qorti,**

Fis-27 ta' April, 2009, il-Qorti Civili tal-Magistrati (Malta) ippronunzjat is-segwenti sentenza fl-ismijiet premessi:-

> "Il-Qorti:-
>
> Rat ir-rikorsipprezentat mill-attur nhar l-ewwel (1) t'April 2008 fejn talab lil din il-Qorti, prevja dikjarazzjoni illi l-konvenut huwa responsabbli ta' malafama fil-konfront tal-attur bil-publikazzjoni ta' l-artikolu 'X'qed jigri fil-Mosta' ppublikat f'pagna sebgha (7) tal-harga ta' '*Il-Mument'* tat-tletin (30) ta' Marzu 2008, fejn huwa allega li huwa ntghazel

biex jaghti servizz t'avukat lil Kunsill Lokali tal-Mosta b'mod suspettuz wara xi laqgha f'xi kazin tieghu u mhux skond sejha pubblika u wara process shih u trasparenti, ta' liema artikolu qeghda tigi annessa kopja u mmarkata bhala Dok. 'A', allegazzjonijiet li huwa jaf li m'humiex veri ghaliex il-hatra tieghu saret wara sejha pubblika fil-Gazetta tal-Gvern li kellha n-numru KLM 07/07 u li ghaliha seta' japplika kull min kellu l-kwalifiki necessarji kif huwa kellu u dana stante li bhala awtur tal-artikolu fuq imsemmi, ippubblika allegazzjonijiet li huma malafamanti, libelluzi u jirrapprezentaw fatti ghal kollox inveritieri u foloz fil-konfront tieghu, w ghalhekk intizi sabiex itelfu jew inaqsu r-reputazzjoni u l-unur tieghu u jesponuh ghar-redikolu u ghad-disprezz tal-pubbliku u dan  kif ser jirrizulta ahjar waqt it-trattazzjoni tal-kawza, thallsu  dik is-somma li tigi likwidata minn din l-Onorabbli Qorti ai termini tal-Artikolu 28 tal-Att dwar l-Istampa (Kap 248 tal-Ligijiet ta' Malta).

Ghal finijiet ta' kompetenza, jigi dikjarat li l-ammont pretiz ma jeccedix is-somma ta' hdax il-elf sitt mija u erbghin elf euro u sebgha u tmenin euro centesmi ekwivalenti ghal hamest elef lira Maltin (LM5,000).

Bl-ispejjez u bl-imghaxijiet legali sad-data tal-pagament effettiv kontra l-konvenut li huwa minn issa ngunt ghas-subizzjoni.

Rat ir-risposta tal-konvenut Joe Demartino pprezentata fir-Registru ta' din il-Qorti nhar l-ghoxrin (20) ta' Mejju 2008 fejn espona is-segwenti:-

1. Illi l-kontenut tal-artikolu mhux malafamanti fil-konfront ta' l-attur, u

2. Illi l-kontenut tal-artikolu mhux libelluz billi jammonta ghal *fair comment* dwar fatti sostanzjalment koretti u t'interess pubbliku.

Illi nhar l-erbgha w ghoxrin (24) ta' Gunju 2008 l-attur ipprezenta zewg affidavits, wiehed rilaxxjat minnu mmarkat bhala Dok. JM w affidavit iehor rilaxxjat minn John Camilleri li hu mmarkat bhala Dok. JM 1.

Fl-affidavit tieghu l-attur jghid li l-konvenut fl-artikolu tieghu imsemmi 'X'qed Jigri l-Mosta' pubblikat fil-harga ta' 'Il-Mument' nhar il-Ħadd, tletin (30) ta' Marzu 2008, allega li huwa ntghazel bhala avukat tal-Kunsill Lokali tal-Mosta fil-Kazin Laburista. Jghid li din l-allegazzjoni hi falza u malafamanti fil-konfront tieghu, molto piu meta tqis li l-konvenut, bhala kunsillier tal-Kunsill Lokali tal-Mosta, ghandu access ghall-fatti kollha.

Huwa kkonferma li ilu ma jattendi ghal xi laqgha fil-Kazin Laburista tal-Mosta ghal aktar minn ghaxar snin w ghalhekk ma ppartecipa fl-ebda laqgha li dduskutiet jew li fthemet sabiex huwa jigi maghzul bhala avukat tal-Kunsill Lokali tal-Mosta.

Jispjega u jghid li fil-wiehed w ghoxrin (21) ta' Dicembru 2007, fil-Gazzetta tal-Gvern, harget sejha fejn intalbu offerti minghand min kien interessat, biex jiprovdi konsulenza legali lill-Kunsill Lokali tal-Mosta. Huwa gabar id-dokument tal-offerta mill-Kunsill Lokali tal-Mosta billi baghat lil habib tieghu Alfred Bezzina jigbor kopja u hallas dritt ta' LM15 tad-dokument (Dok JM 2). Huwa sussegwentement mela' l-formula nhar it-Tnejn, sebgha (7) ta' Jannar 2008 u filghodu stess, dan Alfred Bezzina mar jiddeposita t-*tender* mal-Kunsill Lokali ghaliex dakinhar, fis-saghtejn kienet taghlaq is-sejha. Fl-*envelope* bit-*tender* tieghu, kien hemm il-formula tad-*Tender for Services*, *Non Collusive Tendering Certificate* u l-Garanzija Bankarja mill-Lombard Bank.

Ftakar ukoll li l-Erbgha, disgha (9) ta' Jannar 2008, filghodu, persuna li ddentifikat ruhha bhala s-segretarju esekuttiv tal-Mosta, qabdu fuq il-*mobile*

waqt li kien il-Qorti u staqsih xi domandi marbuta mat-*tender* tieghu. Xtaq jara li s-somma li kkwota, kienitx tinkludi s-servizzi kollha mitluba u li ma jithallasx tad-dritt tal-kawzi u huwa kien wiegbu fl-affermattiv.

Imbaghad nhar it-tlieta w ghoxrin (23) ta' Jannar 2008, huwa rcieva ittra mill-Kunsill Lokali tal-Mosta fejn kien gie nfurmat li l-Kunsill kien accetta s-sejha tieghu u stiednu biex imur jiffirma l-kuntratt. (Dok JM 4). Fl-erbgha w ghoxrin (24) ta' Jannar 2008, huwa ffirma l-kuntratt flimkien mas-Sindku Doctor Paul Chetcuti Caruana w is-Segretarju Ezekuttiv John J. Camilleri. (Dok. JM 5).

Illi John J. Camilleri fl-affidavit tieghu mmarkat bhala Dok. JM 1, jghid li l-attur kien gibidlu l-attenzjoni tieghu ghall-artikolu ppublikat fil-harga ta' '*Il-Mument'* ta' nhar il-Hadd, tletin (30) ta' Marzu 2008 f'artikolu miktub mill-konvenut ippublikat f'pagna sebgha (7) bit-titolu 'X'qed jigri fil-Mosta?' fejn kien allegat li hu ntghazel bhala avukat tal-Kunsill Lokali tal-Mosta fil-Kazin Laburista.

Huwa kkonferma li l-process ghas-sejha ghal hatra ta' avukat tal-Kunsill, mexxih hu u sar kollox skond il-ligi u bit-trasparenza kollha. Ikkonferma li huwa ma attenda ghal ebda laqgha fil-Kazin Laburista tal-Mosta fejn kien diskuss jew gie miftiehem li l-attur jinhatar bhala l-avukat tal-Kunsill Lokali tal-Mosta. Spjega li fis-sebgha (7) ta' Novembru 2007, huma kienu ircivew *e mail* mill-ufficcju legali Ganado Sammut Advocates, li kienu jaghtu servizz professjonali legali lil Kunsill Lokali tal-Mosta, fejn infurmaw il-Kunsill li ma kienux ser jibqghu jaghtu servizz lil Kunsill Lokali. (Dok. JC 1).

Sussegwentement, nhar it-tlieta (3) ta' Dicembru 2007 kienet diskussa din is-sitwazzjoni waqt il-laqgha tal-Kunsill w il-konvenut qal li kien ikun

ahjar jekk tinhareg sejha ghal kull min hu nteressat li joffri s-servizz tieghu w in segwitu l-istess Kunsill ikun jista jaghzel avukat tal-fiducja. (Dok JC 2). It-*tender* gie imhejji u dan gie komunikat biex l-avviz jinhareg fil-Gazetta tal-Gvern (Dok. JC 3). Fil-wiehed w ghoxrin (21) ta' Dicembru 2007, fil-Gazetta tal-Gvern harget sejha fejn intalbu offerti minghand min kien interessat biex jipprovdi konsulenza legali lil Kunsill Lokali tal-Mosta. (Dok JC 4). Din l-istess sejha ghat-*tender* ghalqet it-Tnejn, sebgha (7) ta' Jannar 2008 fis-saghtejn ta' wara nofsinhar.

Ix-xhud ighid li dakinhar stess infethu it-*tenders* fil-presenza tieghu u tal-kunsilliera Mario Sammut, Marthese Mifsud u Paul Agius w instab li kien hemm *envelope* wiehed biss, dak tal-attur. Ikkonferma li fl-*envelope* kien hemm dak rikjest mill-Kunsill, inkluz il-Bid Bond mahrug mill-Lombard Bank. (Dok. JC 5)

Nhar l-Erbgha, disgha (9) ta' Jannar 2008 fil-Kunsill iltaqa' il-Kumitat tat-*tenders* maghmul minnu, mis-Sinku Doctor Paul Chetcuti Caruana, il-Perit Maurice Galea u s-Sur Joseph Christina. F'din il-laqgha, kien gie diskuss it-*tender* ghal Legal Consultant Services KLM 07/07. Inghad li minhabba l-fatt li l-offerta tal-attur kienet ferm aktar vantaggjuza minn dik tad-ditta tal-avukati ta' qabel, intalab jghamel kuntatt mal-attur, sabiex isaqsih dwar is-servizz li kien qed joffri u sabiex jikkonferma il-kontenut tat-*tender* dokument tieghu. Huwa ghamel hekk w il-Kumitat irrakkomanda li is-sejha tinghata lill-attur. (Dok. JC 6).

Nhar il-wiehed w ghoxrin (21) ta' Jannar 2008, kienet saret laqgha tal-Kunsill, fejn inqrat ir-rakkomandazzjoni tal-Kumitat u l-Kunsill approva lill-attur sabiex jinhatar l-Assistent Legali tal-Kunsill ghaliex, kif kien spjegat, l-offerta tieghu kienet wisq aktar vantaggjuza minn dak li kellu qabel il-

Kunsill, billi qabel kien isir pagament ghal kull haga li jaghmel l-avukat, inkluz *meetings* u telefonati minbarra pagament anwali. (Dok. JC 7)

L-ghada, t-Tlieta, tnejn w ghoxrin (22) ta' Jannar 2008, il-Kunsill kiteb lill-attur u talbu sabiex jiffirma il-kuntratt (Dok. JC 8) u l-kuntratt gie iffirmat nhar il-Hamis, erbgha w ghoxrin (24) ta' Jannar 2008 (Dok. JC 9). Kif hemm miktub fil-kuntratt, l-attur kien iggarantixxa il-*performance* tieghu permezz ta' garanzija bankarja. (Dok. JC 10).

Ix-xhud zied jghid, li d-dokumenti kollha marbuta ma din is-sejha, kienu disponibbli ghall-kunsilliera kollha tal-Kunsill, kienu nfurmati bil-process fil-laqghat tal-Kunsill u ma kien hemm l-ebda oggezzjoni jew allegazzjonijiet li l-process ma kienx skond il-ligi, skond ir-regolamenti tal-Kunsill Lokali jew mod iehor. L-unika allegazzjoni li saret kienet mill-kunsillier konvenut mhux f'xi laqgha tal-Kunsill Lokali jew inkella permezz ta' ittra lil Kunsill, imma fl-artikolu fuq imsemmi li deher fil-gazetta 'Il-Mument' nhar it-tletin (30) ta' Marzu 2008.

In kontr'esami nhar it-tnax (12) ta' Novembru 2008, ix-xhud qal li meta isiru battuti politici, ftit li xejn jaghti kashom peress li jsiru minn naha taz-zewg partiti. Ikkonferma li d-diskors li kien gie rappurtat fl-artikolu redatt mill-konvenut, kien intqal pero ma kienx f'posizzjoni jghid f'liema kuntest kien intqal. Qal li huwa qatt ma kien gie dettat lil min jghazel u lanqas qatt ma kien attenda go xi kazin politiku sabiex jiddiskuti din is-sejha tal-attur. Ikkonferma li huwa kien hareg it-*tender* u l-attur kien rebhu.

Nhar it-tnejn w ghoxrin (22) ta' Settembru 2008 xehed il-konvenut w ikkonferma li kien l-awtur tal-artikolu li deher fil-harga ta' 'Il-Mument' tat-tletin (30) ta' Marzu 2008 intitolat 'X'qed jigri fil-Mosta?' Jghid li fis-seduta numru tlettax (13) tal-wiehed w

ghoxrin (21) ta' Jannar 2008, l-attur kien intghazel bhala avukat tal-Kunsill Lokali tal-Mosta. Ikkonferma li huwa ma kienx prezenti ghal din il-laqgha, ghaliex kien ma jiflahx. Jghid li pero fis-eduta sussegwenti u cioe numru erbatax (14), huwa talab lis-Sindku sabiex jaghti aktar dettalji dwar il-kuntratt tal-attur, ghaliex fil-minuti tal-laqgha numru tlettax (13), ma kienx hemm wisq li nghad. Qal li is-Sindku spjega li kien hemm sejha pubblika u l-process li kien sar. Il-Vici Sindku Josette Agius Decelis, staqsiet lis-Sindku meta kienet ittiehdet din id-decisjoni w is-Sindku wiegeb li id-decisjoni ttiehdet fil-kazin taghhom, il-Kazin Laburista. Ir-reazzjoni tieghu kienet wahda li issa jiftiehmu dwar it-*tenders* fil-kazin. Ikkonferma li s-Sindku huwa Doctor Paul Chetcuti Caruana u kien huwa li qal dan il-kliem. Qal li presenti ghal din il-laqgha, kien hemm il-kunsilliera kollha, is-segretarju u dan kollu jirrizulta mill-minuti tal-laqgha li nzammet. Qal li s-sejha saret biss fil-Gazetta tal-Gvern, izda meta huwa kien Sindku, dawn kienu jigu publikati wkoll f'gazzetti lokali. Qal li wara li kienet saret is-sejha u l-ghazla kien ikkwota dak li kien qal is-Sindku ghaliex huwa emmen li dik kienet il-verita. Huwa cahad dak li allega l-attur li huwa qal li ma kientx saret sejha, izda qal li l-avukati jintghazlu permezz ta' diskors fil-kazini, u dan qalu peress li kien qal hekk is-Sindku.

Il-konvenut esebixxa l-affidavit ta' Dr. Shirley Farrugia, kunsilliera tal-Kunsill Lokali tal-Mosta. Ikkonfermat li kienet attendiet ghall-laqgha tal-hdax (11) ta' Frar 2008. Qalet li kienu waslu fi stadju li japprovaw l-minuti tal-laqgha precedenti (cioe dik numru tletax [13]) meta l-konvenut staqsa lis-Sindku biex jaghti dettalji dwar il-minuta "Hrug u Ghotja ta' Tenders' fejn kien inghad illi kien inghata *tender* t'Assistent Legali lill-attur bil-prezz ta' LM1,800 fis-sena.

Ikkonfermat li s-sindku beda jispjega kif saret is-sejha ghall-offerti li kienet dehret fil-Gazzetta tal-Gvern u kemm l-offerta tal-attur kienet vantaggjuza fuq is-servizz legali li kellu l-Kunsill precedenti w ghalhekk saret l-ghazla tal-attur. Hawn, xi kunsillier iehor li jidhrilha li kienet Josette Agius Decelis, li hija Vici Sindku, staqsiet lis-Sindku meta kienet saret l-ghazla tal-attur u s-Sindku fakkarha li saret f'laqgha li kellhom fil-kazin. Ma semmiex il-kazin, izda hija fehmet li kien il-Kazin Laburista. L-konvenut ghadda kummenti sarkastici fis-sens illi 'gejna tajjeb li l-ghotja tat-tenders tal-Kunsill issa qed isir f'kazin' u li din ma kienitx serjeta. Is-Sindku ma wiegibx ghal dawn il-kummenti tal-konvenut u baqa' ghaddej bl-agenda tieghu tal-laqgha. Marthese Mifsud u John Mary Camilleri, kunsilliera ohra fl-istess Kunsill Lokali tal-Mosta, ikkonermaw dak li qalet Dr. Shirley Farrugia fl-affidavit taghha permezz tal-affidavit taghhom esebit fl-atti a fol. 84 et seq.

Ikkunsidrat:-

Illi ghal dak li jirrigwarda l-aspetti legali tal-kaz, irid jinghad li kull att li bih stampat, jigi jew jista' jigi, mxandar jew komunikat, jaqa' taht l-eghmejjel li jistghu jitqiesu mill-Att dwar l-Istampa bhala "pubblikazzjoni". Illi persuna li tkun kitbet jew xandret "pubblikazzjoni", tinkludi wkoll korp ta' persuni, kemm jekk ihaddan personalita' guridika jew le (vide 6 Art. 2 tal-Kap 248). .

L-azzjoni civili li titnissel minn xi allegat ksur tal-istess ligi, tista' tittiehed kontra l-awtur tal-kitba u l-editur tal-gazzetta fl-ewwel lok. Huwa fin-nuqqas biss t'gharfien dwar l-identita' ta' dawn it-tnejn jew ta' xi hadd minnhom, li l-ligi taghti jedd t'azzjoni kontra r-responsabbli ghall-pubblikazzjoni.

It-tifsira moghtija mill-ligi lil "awtur tal-kitba" (Art. 23(a) tal-Kap 248) tghodd kemm ghal min ikun

kitibha jew ukoll ghal min ikun taha l-kunsens tieghu ghalhekk.

Illi l-azzjoni ta' libell mahsuba fil-Kap 248 trid titqies bhala azzjoni specjali li l-ghejjun taghha fil-bidu kienu mahsuba li jwettqu forma ta' kontroll dwar dak li jinkiteb jew jigi mxandar fil-gurnali. Mal-medda tas-snin, ix-xejra bdiet iddur favur il-harsien tal-fama tal-individwu minn dak li jista' jinkiteb jew jinghad dwaru fil-mezzi stampati, fid-dawl tal-jedd l-iehor fondamentali tal-espressjoni hielsa tal-fehmiet ta' dak li jkun. L-azzjoni ta' libell hija ghalhekk azzjoni eccezzjonali li wiehed idur ghaliha biss f'kaz fejn l-unur u l-gieh ta' persuna jkunu gew imkasbrin jew miftuha ghad-disprezz tal-pubbliku b'dak li jinghad jew jigi mxandar dwaru. Fil-qafas ta' dawn il-parametri, u kif imfissra mill-aktar sentenzi aggornati tal-Qrati Maltin u barranin dwar din il-kwistjoni, l-ghoti ta' rimedju li jinghata t'azzjoni bhal din, qieghed kull ma jmur, ixxaqleb lejn il-jedd tal-espressjoni hielsa. Il-htiega tal-harsien mill-ligi lill-unur u r-reputazzjoni ta' persuna m'ghandux, b'riflessjonijiet w induzzjonijiet bla qies, johonqu l-espressjoni hielsa (App. Krim. Inf. 13.6.1985 fil-kawza fl-ismijiet *Mifsud Bonnici et vs Farrugia noe et).*

Illi l-jedd tal-espressjoni hielsa, kif imfisser fl-artikolu 41 tal-Kostituzzjoni ta' Malta, kif ukoll fl-artikolu 10 tal-Konvenzjoni ghall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Libertajiet Fundamentali, liema artikolu hu nkorporat fil-ligi taghna bid-dispozizzjonijiet tal-Att XIV tal-1987 (Kap 319 tal-Ligijiet ta' Malta), jigbor fih il-jedd li kull persuna jkollha w izzomm fehmiet bla ndhil minn hadd u li tircievi minghand u tghaddi lil haddiehor idejat u taghrif bla ndhil. Minhabba li dan il-jedd igib mieghu dmirijiet u responsabbiltajiet, ghandu jkun fih xi limitazzjonijiet kif imsemmi fil-ligi u li jkunu mehtiega f'socjeta' demokratika. Fost dawn il-limitazzjonijiet wiehed isib il-harsien tal-fama u tal-

jeddijiet ta' persuni ohrajn mill-effetti tal-ezercizzju tad-dritt tal-espressjoni hielsa ta' dak li jkun (10 Ara Kost. 15.5.1995 fil-kawza fl-ismijiet *Grech vs Prim Ministru* (Kollez. Vol. LXXIX.i.148)

Ma jistax ikun ghalhekk, li l-Istampa u l-mezzi l-ohrajn ta' komunikazzjoni, ma jkunux milquta b'dawn il-limitazzjonijiet (11 App. Civ. 15.11.1994 fil-kawza fl-ismijiet *Borg vs Camilleri et* (Kollez. Vol: LXXVIII.ii.372).

Illi t-tifsir moghti mill-Qorti Ewropeja tad-Drittijiet tal-Bniedem f'ghadd ta' kazijiet (Per ezempju, 8.7.1986 fil-kawza *Lingens vs Austria,* u wkoll 17.4.1991 fil-kawza *Oberschlick vs Austria).* Lill-imsemmija dispozizzjonijiet tal-ligi iqis, fost l-ohrajn u b'mod ewlieni, is-siwi tad-dibattitu politiku hieles bhala wahda mis-sisien fejjieda ta' stat demokratiku. Dan it-tifsir dejjem gharaf bejn kritika li ssir fil-konfront ta' persuna li hija mdahhla fil-hajja pubblika (jew politika) u persuna li m'hijiex.

Illi l-libell bl-istampa jitwettaq kull meta ssir xi imputazzjoni li tista' ccekken lill-persuna li ghaliha tirreferi (kemm jekk espressament jew b'implikazzjoni) fl-istima jew il-gieh tas-socjeta' lejha, u dan billi timmira li taqta' lil dik il-persuna mill-istess socjeta', jew li tesponiha ghad-disprezz jew mibeghda taghha. Min-naha l-ohra, il-kritika ta' persuna, l-izjed jekk dik il-persuna tkun imdahhla fil-qasam pubbliku (13 App. Civ. 1.2.1988 fil-kawza fl-ismijiet *Fenech Adami et vs Vella et*,) ma ssirx minnufih passibbli ghas-sanzjonijiet tal-libell jekk kemm-il darba tkun wahda serja, oggettiva u meqjusa, wkoll jekk tkun harxa u qawwija (App. Krim. 23.4.1963 fil-kawza fl-ismijiet *X vs Y* (Kollez. Vol: XLVII.iv.126). Minn dan johrog li l-ezami ewlieni li ghandu jaghmel il-gudikant huwa dak li jqis jekk il-kliem ippubblikat jew imxandar jikkawzax lill-persuna li ghaliha dik il-pubblikazzjoni jew xandira tirreferi nuqqas ta' stima f'ghajnejn min ikun qraha jew semaghha.

Tali "udjenza" ghandha tigi meqjusa bhala qarrejja jew semmiegha ta' dehen normali li jkunu taw lill-kliem pubblikat jew imxandar it-tifsira normali tieghu (P.A. FGC 8.10.1993 fil-kawza fl-ismijiet <u>*Victor Pace vs Joe Azzopardi et*</u>). Illi ghar-rigward ta' persuna fil-qasam pubbliku, u partikolarment fil-qasam politiku, il-livell ta' kritika li l-ligi tal-istampa tittollera huwa x'aktarx gholi, azzardat u wiesgha, u cirkoskritt biss minn prova ta' hazen jew infondatezza tal-fatti msemmija jew mid-dicenza pubblika jew xilja ta' abdikazzjoni ta' dmirijiet imposti fuqha. Meta l-persuna li ghaliha ssir riferenza fil-pubblikazzjoni jew ix-xandira li tkun m'hijiex persuna fizika, imma wahda guridika, il-qilla tal-kritika u t-tolleranza taghha hija usa' sal-grad li mbasta tkun tollerabbli f'socjeta' demokratika (App. Civ. 8.11.1995 fil-kawza fl-ismijiet *Gauci vs Schiavone noe et*).

F'dan il-kaz, il-principju tal-espressjoni hielsa huwa mirfud bil-kwestjoni tal-interess pubbliku li normalment jimmotiva l-kritika misthoqqa li ghandha ssir dwar persuna involuta fil-hajja pubblika ara, per ezempju, P.A. 2.11.1989 fil-kawza fl-ismijiet <u>*Coleiro vs Schiavone et*</u>; u P.A. 11.1.1990 fil-kawza fl-ismijiet <u>*Borda vs Sant*</u> ukoll jekk il-kritika tolqot il-hajja privata tal-personagg pubbliku.

Illi ghal dak li jirrigwarda l-ghamla tal-kritika li ssir, jinghad li wahda mill-forom li tintuza hija l-kumment. Bhal ma timplika l-kelma nnifisha, kumment m'huwiex semplici stqarrija ta' fatt, imma tifsira ta' jew fehma dwar fatt li sehh [Gatley, *Libel & Slander*, 8 ediz., par. 697, pa. 294], ukoll jekk tkun tifsira pregudikata jew partiggjana.

Fil-qasam politiku, mbaghad, il-kumment jista' jkun mahsub biex johloq xkiel jew jaghmel hsara politika lil xi persuna nvoluta jew biex sahansitra jqanqal disgwid jew tahwid fil-kamp politiku oppost.

Illi huwa accettat li jekk il-kumment ikun “gust”, ma jaqax taht il-pwieni tal-malafama jew tal-libell. Il-kwestjoni ta’ kummenti li jitqiesu bhala “gusti” hija wahda li taghti lok ghal problemi kbar minhabba li mhix wahda cara. [Ara Gatley, *op. Cit.*, para. 707, pagna. 299-300].

Biex il-kumment ikun wiehed “gust”, jehtieg li jkun imsejjes fuq hwejjeg li sostanzjalment sehhew u li jkunu l-fatti shah App. Civ. 21.1.1993 fil-kawza fl-ismijiet *Fenech pro et noe vs Montanaro et.* Jekk jirrizulta li l-fatt allegat ma kienx attwalment jezisti, ma tkunx tista’ tregi aktar id-difiza tal-kumment gust [App. Civ. 13.1.2000 fil-kawza fl-ismijiet *Rizzo Naudi vs Agius et*.] Il-fatt irid jigi pruvat kif imiss minn min jallega l-kumment gust dwaru [App. Civ. 10.12.1991 fil-kawza fl-ismijiet *Debono vs Callus et* (Kollez. Vol:LXXV.ii.495)] u wkoll [App. Civ. 14.2.1994 fil-kawza fl-ismijiet *Sant vs Camilleri et*], daqskemm tant iehor irid jipprova li s-suggett li dwaru nkiteb tali kumment kien wiehed t’interess pubbliku u li l-kumment kien tassew wiehed “gust” [Gatley *op. cit*., Par. 747, pagna 324-5.]

Kif jintwera li l-fatti msemmija kienu sostanzjalment minnhom, ikun jifdal li jigi mistharreg jekk il-fehma espressa dwarhom jew l-apprezzament jew kritika misluta minnhom, kienitx fil-limiti tal-jedd tal-espressjoni hielsa kif imfissra aktar qabel.

Illi, fuq kollox, l-artikolu jew ix-xandira li trid tigi mistharrga, trid titqieghed fl-isfond tal-attwalita’ u fil-qafas tac-cirkostanzi li tkun saret il-pubblikazzjoni jew xandira li tkun. Illi konsistenti ma’ dan il-principju jsegwi li “kemm-il darba l-fatti hemm allegati ma jirrizultawx li huma veri, allura dak li hemm fihom addebitat lill-attur, huma fatti ngurjuzi.

F'dan il-kaz jirrizulta li probabilment il-kliem li gie rappurtat mill-konvenut fl-artikolu tieghu kif fuq imsemmi, verament intqal mis-Sindku dakinhar tas-seduta wara li effettivament l-attur kien gie konfermat bhal avukat tal-Kunsill. Fil-fatt, l-attur mhux qed jichad li possibilment intqal dak il-kliem li gie rappurtat, pero zgur li jekk intqal, dan gie kwotat barra mill-kuntest.

"*Punishing a journalist for assisting in the dissemination of statements made by another person would seriously hamper the contribution of the press to discussion of matters of public interest and should not be envisaged unless there were particularly strong reasons for doing so.*

*A general requirement for journalists to distance themselves systematically from the content of a quotation that might insult or provoke a third party or damage his reputation was not reconcilable with the press's role of providing information on current events, opinions and ideas*" (ara sentenza tal-Qorti Ewropeja dwar id-Drittijiet tal-Bniedem fil-kaz <u>Thomas vs Luxembourg</u> tad-29 ta' Marzu, 2001).

Illi ma hemmx dubbju li f'dan il-kaz, il-konvenut kellu access ghad-dokumentazzjoni kollha ghaliex din kienet ghad-disposizzjoni tieghu. Illi huwa kien jaf li effettivament kienet saret sejha ghall-ingagg ta' Avukat sabiex jaghti servizz lil Kunsill u messu kien jaf ukoll il-procedura li giet segwita. Il-fatt li huwa rraporta dak li qal is-Sindku bla ma ghamel il-verifika taghha, jfisser li huwa kellu l-*animus injuriandi* sabiex iwegga' lill-attur u jattribwixxi fatti lil persuna tieghu, liema fatti kienu ghal kollox inveritieri.

Illi raguni wahda setghet kienet, il-hsieb wara dik il-kitba: li jwassal messagg fil-qarrej jew is-semmigh li l-attur ma kienx agixxa b'mod korrett u

li uza xi pressjoni politika ai finijiet personali sabiex ottjena il-posizzjoni ta' Avukat tal-Kunsill. Dan huwa kaz car ta' dak li huwa maghruf bhala "*innuendo*" jew ukoll insinwazzjoni. L-insinwazzjoni hija dik l-ghamla ta' stqarrija li tolqot bis-sahha ta' dak li ma tghidx u li timplika, aktarx ta' xehta negattiva, u mhux bis-sahha ta' dak li tghid, ghaliex l-*innuendo* huwa ghamla ta' stqarrija ngurjuza, li ssir bi kliem, li fih innifsu m'huwiex ingurjuz. Il-qofol tal-insinwazzjoni huwa l-ironija.

Illi dwar dan l-aspett fil-qasam tal-libell, il-Qrati taghna ipprovdew li l-piz tal-prova li dak li hu insinwat huwa libelluz, taqa' fuq min jikkwerala jew jibda l-proceduri (Ara, per ezempju, App. Krim Inf. 29.11.1958 fil-kawza fl-ismijiet *Desira Buttigieg vs Cossai* (Kollez.Vol: XLII.iv.1526). Imma ladarba dan jitwettaq, u jirrizulta li l-kliem inkiteb b'mod ironiku, l-intenzjoni malizzjuza ta' min ikun kiteb dak il-kliem, hija intiza fl-istess ironija (Ara, per ezempju, App. Krim. Inf. 7.3.1949 fil-kawza fl-ismijiet *Pulizija vs Olivier Munroe* (Kollez. Vol; XXXIII.iv.824)).

Ma hemmx dubbju li l-konvenut ried iwassal messagg lis-socjeta, li l-ghazla tal-attur, ma kientitx wahda regolari, izda wahda maghmula mil-lat politiku.

Mill-provi prodotti dan ma kien minnu xejn w ghalhekk il-konvenut ghandu ihallas ghal ghemielu.

Illi, fid-dawl ukoll tal-fatt li dak li nghad fil-limiti ta' dak li jistabilixxi l-artikolu 30 tal-Kap 248 tal-Ligijiet ta' Malta, il-Qorti qeghda tillikwida dawn id-danni fis-somma ta' elfejn euro (€2,000).

Ghal dawn ir-ragunijiet, il-Qorti qeghda tiddeciedi billi, tilqa' t-talba attrici u tiddikjara li l-imharrek konvenut immalafama lill-attur bil-pubblikazzjoni tal-artikolu fuq imsemmi nhar it-tletin (30) ta'

> Marzu 2008 intitolat 'X'qed jigri il-Mosta?' u qeghda tillikwida d-danni li ghandu jircievi l-attur, fis-somma ta' elfejn euro, tikkundanna lill-imharrek ihallas l-imsemmija somma lill-attur.
>
> Tikkundanna lilli-istess konvenut ihallas wkoll l-ispejjez tal-kawza, flimkien mal-imghaxijiet legali fuq is-somma ta' danni likwidata b'effett mill-lum sal-jum tal-hlas effettiv."

Minn din is-sentenza appella l-konvenut. Telegrafikament, il-kontestazzjoni principali tieghu hi minnu fformulata kif gej:-

1. Ix-xhieda kkonfermaw illi l-kliem attribwibbli lis-Sindku tal-Mosta huma dawk l-istess ippubblikati fl-artikolu tieghu;

2. Jekk il-process tat-*tender* li bih l-attur gie mahtur konsulent legali tal-Kunsill tal-Mosta ma sarx kif kellu jsir skond il-ligi, dan ma ghandu ebda rifless fuq l-attur u allura l-artikolu ma jistax jitqies malafamanti;

3. Il-konkluzjoni ta' l-ewwel Qorti u l-kundanna imposta fuqu talli rraporta l-verita hi lezjoni tad-dritt fundamentali tieghu;

Hi ghal kollox materja ta' fatt jekk certa pubblikazzjoni hijiex diffamatorja tar-reputazzjoni ta' haddiehor. Naturalment, bosta jiddependi mill-accertament tal-fatti kif dawn jinzlu mill-istruttorja tal-kaz u dik tal-valutazzjoni taghhom mill-Qorti adita fil-mertu fl-ambitu tal-kriterji rikonoxxuti mid-dottrina legali u l-gurisprudenza. B'mod partikulari, li l-fatti esposti fil-pubblikazzjoni jridu jkunu oggettivament veri fil-kompletezza taghhom;

Gjaladarba, kif saput, biex il-fatti jitqiesu veri, jrid ikollhom korrispondenza bejn dak li effettivament sehh ma' dak irrakkontat mill-awtur tal-pubblikazzjoni, huwa utli li jigu

hawn brevement riprodotti l-fatti saljenti tal-vertenza li jiddixxendu mill-provi rakkolti fil-prim' istanza:-

1. B'avviz mitbugh fil-Gazzetta tal-Gvern (fol. 60) il-Kunsill Lokali Mosta ghamel sejha ghall-offerti minn min kien interessat li jipprovdi konsulenza legali. Dan kif maqbul fis-seduta tal-Kunsill tat-3 ta' Dicembru, 2007 (Ara Minuti a fol. 55) fuq s-senjalazzjoni tal-konvenut Kunsillier;

2. Ghal din s-sejha kien hemm biss offerta wahda u cjoe dik ta' l-attur (ara Affidavit ta' John J. Camilleri, segretarju ezekuttiv tal-Kunsill, a fol. 52);

3. Din l-offerta giet ezaminata, approvata u rakkomandata mill-Contracts Committee fi hdan il-Kunsill fil-laqgha tad-9 ta' Jannar, 2008, ghal-liema attendew is-Sindku, l-Arkitett Maurice Galea u Joseph Cristina. Ara kopja tal-Minuti a fol. 62;

4. F'laqgha sussegwenti tal-Kunsill (21 ta' Jannar, 2008) l-approvazzjoni ta' dik l-offerta ta' l-attur giet ikkonfermata mill-Kunsill. Ara Minuti a fol. 63. B'dan gie informat l-attur b'ittra separata (fol. 71) u eventwalment gie sottoskritt il-kuntratt relattiv (fol. 72);

5. Ghal dik il-laqgha l-konvenut ma kienx prezenti izda f'seduta sussegwenti meta hu talab lis-Sindku biex jaghti taghrif dwar dak il-kuntratt, ir-rejazzjoni ta' dan kienet illi d-decizjoni dwar l-ghazla ta' l-Avukat tal-Kunsill ittiehdet fil-Kazin. Ara xhieda ta' l-istess konvenut (fol. 76), l-Affidavits tal-Kunsilliera Dr. Shirley Farrugia (fol. 82), Marthese Mifsud (fol. 83), John Mary Camilleri (fol. 84) u x-xhieda ta' John J. Camilleri (fol. 85);

Premessa din l-esposizzjoni qasira rakkolta mill-atti processwali, l-ewwel osservazzjoni li trid tirregistra din il-Qorti hi dik li l-fatti riportati mill-konvenut fl-artiklu tieghu la huma kompleti u wisq anqas korretti. Din il-fehma fil-Qorti hi msahha minn dawn il-konsiderazzjonijiet:-

(1) L-appellanti jitlaq mill-affermazzjoni illi taht tmexxija laburista, kappeggjata mis-Sindku Dr. Paul Chetcuti Caruana, il-Kunsill tal-Mosta ma kienx qed juniforma ruhu ghall-forma u l-prattika ta' kif jigu aggudikati t-*tenders* u fl-istess mod solitu ta' kif kien isir l-ipprocessar taghhom meta hu nnifsu kien Sindku ta' dak il-lokal. Huwa, anzi, jikkummenta illi l-process adottat kien issa wiehed limitat ghall-pubblikazzjoni tat-*tender* fuq il-Gazzetta tal-Gvern ghax mill-bqija kollox isir bil-habi minn wara dahar il-kunsilliera, bid-decizjoni ta' l-applikazzjoni issir, fuq kliem l-istess Sindku Chetcuti Caruana, fil-kazin tal-partit tieghu. Fl-isfond ta' dan ir-rakkont impreciz u distort tal-fatti, kif verament sehhew, l-appellanti deffes l-ghazla ta' l-attur bhala konsulent legali tal-Kunsill;

(2) Indubbjament, meta mill-kuntest tal-fatti l-appellanti ommetta li jinkludi, ghall-formazzjoni tal-gudizzju tal-qarrejja tal-gurnal, il-fatti kompleti u importanti kif dettaljati fl-esposizzjoni fuq migjuba, ir-rizultat ahhari tal-komunikazzjoni minnu ta' l-istess fatti inkompleti ma setax ma kienx dak ukoll illi jitfa' riflessjoni negattiva fuq il-karattru sija personali, sija professjonali, ta' l-attur in kwantu ghal dik l-ghazla tieghu bhala konsulent legali tal-Kunsill kienet influwenti decizjoni politika parteggjana u mhux dovuta ghall-ezitu ta' ipprocessar fi hdan il-Kunsill kif kellha tkun;

(3) Naturalment, hi t-tezi ta' l-appellanti illi la hu rraporta fedelment il-kliem mistqarr mis-Sindku, il-konkluzjoni ghandha tkun illi l-pubblikazzjoni tikkorrispondi ghall-verita`, u l-kumment tieghu, gustifikat. Dan ghal din il-Qorti mhux accettabbli ghal zewg ragunijiet. Ibda biex, huwa ma kellux joqghod eskluzivament fuq dawk il-kliem bhala fonti ta' informazzjoni izda kien inkombenti fuqu illi qabel ma jippubblika, jivverifika, u jirrelata wkoll, il-fatti kollha, "*offrendo la prova della cura e della cautela da lui posta negli accertamenti svolti per vincere ogni dubbio e incertezza prospettabili in ordine alla verità sostanziale dei fatti*" (**Qorti tal-Kassazzjoni Taljana, 14 ta' Dicembru, 1993, C.P. 1995, 558**). Dan jinghad b'egwal forza mbaghad fil-kaz ta' l-appellanti li, bhala kunsillier, seta' facilment jaghmel il-verifiki okkorrenti mill-istess atti tal-

Kunsill. Fit-tieni lok, tajjeb li jigi osservat illi l-appellanti ma illimitax ruhu biex sempliciment jirraporta, b'mod impersonali u imparzjali, x'intqal mis-Sindku ghax huwa ghadda ulterjorment ghall-kumment, dejjem in referenza ghall-hatra ta' l-attur, illi, *expressis verbis*, "Iva hekk intghazel l-Avukat tal-Kunsill";

4. L-effett avvers ta' dan il-kumment fuq id-dimensjoni pubblika u professjonali ta' l-attur hu wiehed ovvju, ukoll bil-metru solitu tat-tifsira naturali u ordinarja tal-kliem, ghaliex, oggettivament konsiderat, jaghti lill-qarrejja x'jifhmu illi l-attur kellu "*mano in pasta*" fil-hatra tieghu u tal-mod kif saret. Fil-konoxxenza tal-kwadru shih tal-fatti kif issuccedew din l-insinwazzjoni hi mhux biss strategikament impreciza izda wkoll malament ippercepita. Mhux inopportun li jigi ghal darb'ohra mfakkar kliem il-**Gatley** ("**On Libel and Slander**", 7th Edition, 1974, para. 103) illi "*a defendant is liable for insinuation as well as for explicit statement, for insinuation may be as defamatory as direct assertion and even more mischevious*";

Dawn il-konsiderazzjonijiet suesposti ghandhom fil-fehma tal-Qorti jibbastaw biex jirrespingu l-aggravji devoluti mill-konvenut appellanti. Jifdal x'jigi konsiderat l-appell incidentali ta' l-attur li permezz tieghu jillanja mil-likwidazzjoni tad-danni maghmula mill-ewwel Qorti;

Din il-Qorti taqbel in principju illi d-danni ghandhom ikun mizurati skond il-gravita` tal-fatt, lejn min l-ingurju tkun diretta u lil min tkun behsiebha tilhaq. Dan barra kriterji li din il-Qorti gja ssoffermat dwarhom f'sentenzi anterjuri. Il-Qorti taqbel ukoll illi dawn l-istess kriterji ghandu jkollhom riljev partikolari ghal dak li hu l-aggravament tad-danni fl-ipotesijiet propunjati mill-attur ghas-sostenn ta' l-ilment tieghu. Jigifieri, in-nuqqas mill-konvenut ta' ricerka diligenti qabel il-pubblikazzjoni, il-gudizzju ta' dizvalur fuq il-professjonalita` u r-reputazzjoni tieghu u, wkoll, ir-risalt tar-rapportagg diffamatorju f'gurnal popolari;

Maghdud dan, wiehed ma jistax ma jzommx in mira illi hawnhekk id-danni ma jigux komputati in bazi ghall-elementi pprovati bhal fil-kaz ta' *damnum emergens* jew *lucrum cessans* izda kollox hu mholli fl-arbitriju diskrezzjonali ta' min irid jiggudika. Ben intiz, allura, illi fil-parametri ffissati mil-ligi, il-moderazzjoni u l-metru tal-proporzjonalita` m'ghandhomx jonqsu fejn il-kaz ikun hekk jimmerita. Tezisti mbaghad dejjem ghall-Qorti tat-tieni grad id-diffikolta illi tapprezza kif imiss il-*forma mentis* ta' l-ewwel Qorti fil-fissazzjoni tad-danni, anke ghaliex mhux maghruf minn xi motivazzjoni jew spjegazzjoni r-raguni ghal kwantum likwidat. Fl-istess waqt, il-Qorti ghandha ragonevolment tifhem illi fl-apprezzament maghmul l-Qorti Inferjuri tkun hadet konjizzjoni ta' l-aspetti kollha involuti fil-fattispeci, kompriz allura wkoll dawk l-ipotesijiet propunjati mill-attur fl-appell incidentali tieghu. F'dawn ic-cirkostanzi, tenut ukoll rigward tal-gurisprudenza konsolidata illi Qorti tat-tieni istanza ma tiddisturbax bla bzonn jekk mhux ghall-motivi gravi l-kwantum kkomputat, u tenut ukoll qies ta' l-aspetti generali tal-materja kkontestata, din il-Qorti ma tarax illi tezisti gusitifikazzjoni impellenti biex f'dan il-kaz tiddipartixxi mill-ammont stabbilit mill-ewwel Qorti.

Ghal motivi kollha predetti din il-Qorti tichad sew l-appell principali tal-konvenut, kif ukoll l-appell incidentali ta' l-attur u konsegwentement tikkonferma s-sentenza appellata. Kwantu ghall-ispejjez ta' din l-istanza kull parti tbati l-ispejjez ta' l-appell introdott minnha. Dawk ta' l-ewwel istanza jibqghu kif decizi.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------